**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 15 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 7**

**Avviz Nru: 1787/01AE**

**Dhalia Marketing Limited**

**vs**

**Earthlink Design Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sebgha u disghajn lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm97.75), hlas ghall-reklamar fuq *property magazine* li gie ppubblikat perjodikament mis-socjeta attrici.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm tirrizulta notifikata, ma dehritx u lanqas ma jirrizulta li kkontestat il-kawza.

Fis-seduta tal-lum is-socjeta attrici rrinunzjat ghall-ammont mitlub, izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tas-socjeta attrici stante hlas fil-mori, jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kollha ta' dawn il-proceduri.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**